


# Dun Ġorġ Mercieca Ta' Ħârra u Dun Albin Micallef

Dr. Simon Mercieca

F'dan l-istudju qasir nixtieq infakkar il-memorja storika ta' żewġ qassisin li kienu jaħdmu qattigħ fil-parroċċa ta' Raħal Ġdid. L-ewwel wieħed hu Dun Ġorġ Mercieca, magħruf bħala Ta' Ħârra.

Dak li qed nikteb dwaru huwa frott il-memorja kollettiva jiġifieri dak li kont nisma' fuqu fi tfuliti u llum stajt nikkonfermah b'xi ritratti li sibt tiegħu. Kienu jiċċajtaw dwar il-laqam tal-familja tiegħu, għaliex jekk jinqara ħażin jieħu tifsira semantika differenti li normalment hija assoċjata u wżata b'mod dispreġjattiv. Iżda l-laqam tiegħu hija kelma semitika li tfisser qasam ta' art ċatta jew ħâra. Il-laqam qed jiddefinixxi dawk li kellhom il-ħâra.

Bħala laqam ma kienx uniku. Fl-istess żmien fir-Rabat Għawdex, per eżempju, kien hemm qassis li kellu wkoll l-istess laqam Ta' Ħârra. Kien liturġista kbir, iżda bħalma xi drabi jiġri, min hu tajjeb jitwarrab. Dan qatt ma kien sar ċerimonjier djoċesan. Kien iħobb imur iqaddes u ġieli anke għamilha ta' ministru fil-quddiesa kantata għand il-Patrijiet Agostinjani tar-Rabat Għawdex. Kellu espressjoni bil-Latin dwar il-liturġija li tantiċipa r-riformi Vatikani II *"Liturgia non est philosophia, cur quia, sed sicut dixit Ecclesia"* (Il-liturġija mhix filosofija, għaliex, iżda hija kif tgħid il-Knisja).

Dun Ġorġ Mercieca kien minn familja minn Ħal Qormi. Kellhom għandhom imqabbla l-art li llum nafuha bħala l-Marsa tal-Ingliżi. Wisq probabbli, li minn hawn kien ġej il-laqam tagħhom. Din il-parti kienet fil-passat tissejjaħ il-fewdu tal-Marsa. Il-kelma ħâra hija tifsira semitika tal-kelma fewdu. Il-propjetarju tagħha kien l-istat li f'dan il-perjodu kien il-Gvern Ingliż.

Jingħad li missier Dun Ġorġ kellu għarfien tajjeb tat-temp u kien jaf ibassar minn sena qabel l-uċuħ tal-art u dawk il-ħxejjex li kienu ser ikunu skarsi fis-sena li tkun ġejja. B'hekk kien ikollu l-prodotti li normalment ma kinux ikunu abbundanti. Fuq kollox, fuq l-art tiegħu kellu ħafna ilma. Wieħed mill-aktar prodotti li kien jitkabbar fuq din l-art kien il-ħass. Minn hawn ħarġet l-espressjoni "mur saqqi l-ħass tal-Marsa," għaliex il-ħass fuq din l-art kellu dejjem l-ilma minn taħt u għalhekk ma kienx hemm għalfejn jissaqqa. Jekk tmur issaqqih tkun qed taħli l-ħin.



*Dun Ġorġ Mercieca (Ħajr lil Dun Mario Agius)*

Bħala familja kellhom fost l-oħrajn xi bini n-naħa ta' Sant'Ubaldesca. Kien jeħodlu ħsieb il-kirjiet u l-propjetà tal-familja s-sagristan ta' Raħal Ġdid ta' dik il-ħabta, Ġużeppi Tabone magħruf bħala ż-Żuż. Imbagħad, minn dawn il-kirjiet, Dun Ġorġ kien iħallas għal xi opra fil-Knisja ta' Raħal Ġdid u anke kien jibgħat parti minnhom il-missjoni jew jgħin lil xi seminarist fqir, speċjalment jekk ikun minn Raħal Ġdid, biex iħallaslu l-kors tas-seminarju.



Raħal Ġdid baqa' rikordju tal-ġenerożità ta' Dun Ġorġ Mercieca. Kien ħallas minn butu għal żewġ pissidijiet kbar u kważi bħal xulxin tal-fidda. Id-disinn u l-forma tal-injam tagħhom inħadmet minn Manwel Buhagiar. Buhagiar kien jaħdem b'xejn għall-parroċċa tagħna. Il-forma kienet eventwalment ingħatat lill-knisja u tant intogħġbot li xi parroċċi oħra kienu għamlu pissidijiet minn din il-forma, fosthom Ħal Tarxien. Il-kobor ta' dawn il-pissidijiet jirriflettu t-tkabbir fil-popolazzjoni tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid. Fuq iċ-ċirku ta' isfel hemm isem u kunjom Dun Ġorġ bħala d-donatur tagħhom.

Kien ħallas ukoll għall-armonju li kien hemm fil-knisja. Min jaf kemm aħna l-abbatini mexxejnieh min-naħa għall-oħra biex ikun jista' jdoqqu Ġużeppi Ellul - li aħna konna nafuh bħala Ġużeppi l-organista. Kien armonju Ġermaniż. Dan l-armonju kien għal bidu jintuża mal-orgni li qabel kien Sant'Ubaldeska. Imbagħad flimkien mal-orgni ġie trasferit fil-knisja l-kbira. L-orgni ta' Sant'Ubaldeska kien inxtara mingħand xi sorijiet mis-sagristan, iż-Żuż, għal xi għaxar liri. Wisq probabbli li dan l-orgni ta' Sant'Ubaldeska kien l-orgni l-antik tal-Isla li kien spiċċa għand is-sorijiet fil-bidu tas-seklu għoxrin u dawn kienu biegħuh liż-Żuż. Dun Adolf Agius, l-ex-kappillan, kien darba qalli li dan l-orgni tkisser tort tiegħu għaliex għamel żball u ma ħalliehx fil-knisja l-kbira iżda reġa' bagħtu Sant'Ubaldesca fejn wara kienu nsterqu s-sfafar biex isiru ċomb għall-kaċċa! Wara tkompla jitkisser. Kien żmien meta kien hemm tenzjoni bejn Dun Adolf u gruppi tal-armar u bħala vendikazzjoni kienu kissru numru ta' opri artistiċi fosthom ġilandra kbira li kien għamel nannuh fuq disinn ta' Buhagiar u kienet għadha mhux indurata. B'mod barbaru, l-injam tagħha intuża bħala feles biex iżommu l-antinjoli tal-festa.



*Dun Ġorġ Mercieca fin-nofs. Fuq il-lemin tiegħu s-Seminarista Ugo Gambin u fuq ix-xellug is-Seminarista Dun Ġużepp Caruana. (Ħajr lil Dun Mario Agius)*

Dun Ġorġ kellu ħutu bniet. Waħda minnhom kienet soru tal-klawsura u wara marret toqgħod miegħu. Kienet tagħmel bambini tax-xemgħa. Kienet tiġbor ir-rottam u tuża l-forom biex tagħmel dawn il-bambini. F'dak iż-żmien, il-bambini tagħha kienu magħrufa u mfittxija għaliex kienet tagħmilhom b'għajnejhom tal-ħġieġ. Waħda mill-forom tagħha kienet dik ta' bambin rieqed fuq idejh qegħdin magħluqa jitolbu.

Iżda Dun Ġorġ Mercieca jibqa' mfakkar l-aktar għat-twaqqif tal-Azzjoni Kattolika f'Raħal Ġdid. L-Azzjoni Kattolika kienet twaqqfet mill-Papa Piju X ġewwa l-Italja fl-1905, bħala organizzazzjoni lajka taħt il-kontroll dirett tal-isqof. Ħadet spinta 'l quddiem fi żmien Piju XI. Grazzi għall-ħidma ta' Dun Ġorġ Mercieca, l-Azzjoni Kattolika kibret sew f'Raħal Ġdid u kienet anke sors ta' vokazzjoni għal numru ta' qassisin. Adoloxxenti bħal Adolf Agius, Ugo Gambin (li tiegħu baqa' l-pjaneta rrakkmata minn oħtu fuq lama li kienet tintuża mill-militar Franċiż u ġabitha apposta minn Franza) u Dun Ġużepp Caruana (li aħna nafuh tal-Youth Centre jew Ta' Mgħaref) jafu l-vokazzjoni tagħhom lilu. Kien hemm tfal oħra li resqu lejn is-saċerdozju grazzi għall-ħidma ta' Dun Ġorġ, fosthom ħu l-Prim Ministru Pawlu Boffa, Salvinu. Missier Pawlu Boffa kien ġà tela' joqgħod Raħal Ġdid mill-Birgu qabel ma






*Dan ir-ritratt tas-subien tal-Azzjoni Kattolika ttieħed c.1930 fejn illum hemm il-kappella tas-Sagrament meta l-knisja kienet għadha qed tinbena. Fin-nofs jidher Dun Ġorġ Mercieca. Jidher Dun Adolf Agius għadu tifel, it-tielet wieħed fit-tieni filliera mil-lemin tar-ritratt. (Ħajr lil Karmenu Tabone)*

wieħed mit-tfal tiegħu daħal is-seminarju. Il-ħolma ta' missieru li jarah qassis Raħal Ġdid ma seħħitx. Kien mar jistudja Ruma, fil-Kulleġġ Ingliż. Kien miet bħala seminarista meta kien għall-vaganzi hawn Malta.

Seminarista ieħor, prodott tal-Azzjoni Kattolika ta' żmien Dun Ġorġ Mercieca, kien ċertu Bartolo. Dan kien miet fil-gwerra fi splużjoni ta' bomba. Kienet familja li tħobb ħafna lill-knisja ta' Kristu Re. Niftakar lil ħutu l-bniet fost il-grupp tan-nisa li kienu jiġu jaħslu l-knisja. Dun Ġorġ kien anki jagħti lezzjonijiet tal-Latin lil dawk it-tfal li kienu jixtiequ jsiru saċerdoti. Kellu talenti oħra, fosthom dak li jsewwi l-magni tal-arloġġi.

Fit-Tieni Gwerra, Dun Ġorġ u oħtu li kienet tgħix miegħu f'Raħal Ġdid marru joqogħdu Ħad-Dingli u kien beda jservi f'din il-parroċċa. Kienu marru joqogħdu sewwa sew f'Għar il-Kbir ta' Ħad-Dingli. Naħseb li kienu l-aħħar veri residenti ġewwa dan l-għar. Wara l-gwerra, baqa' jagħti servizz u kien imur bir-rota Ħad-Dingli. Fuq kollox, intefa' jagħmel l-irtiri fis-seminarju l-antik tal-Imdina fejn illum hemm il-Mużew tal-Katidral. Dawn kienu jsiru għaċ-ċentral tal-Azzjoni Kattolika u anke għall-fergħat tagħha.




*Dan ir-ritratt tas-subien tal-Azzjoni Kattolika ttieħed fl-1934 fejn illum hemm il-kappella tas-Sagrament meta l-knisja kienet għadha qed tinbena. Fin-nofs jidher Dun Ġorġ Mercieca u ħdejh is-Seminarista Dun Adolf Agius futur Kappillan ta' Raħal Ġdid. (Ħajr lil Karmenu Tabone)*

Il-preżenza tal-Azzjoni Kattolika u l-ħidma ta' Dun Ġorġ f'dan il-qasam jispjega għala fil-passat kien twaqqaf fil-knisja ta' Kristu Re Raħal Ġdid altar iddedikat lil San Piju X. Qassisin fil-parroċċa, bħal Dun Adolf Agius, li fi żmienu kien sar dan l-altar, kellhom devozzjoni speċjali lejn dan il-Papa. Din id-devozzjoni ma kinetx ġejja biss għax dan il-qaddis kien wieħed ġdid u ta' żmienhom, jew minħabba r-riformi li kien għamel fil-preċett u anki minħabba li fi żmienu f'Malta sar il-Kungress Ewkaristiku iżda fuq kollox minħabba



li kien il-Papa li waqqaf l-Azzjoni Kattolika. Wara l-gwerra, l-Azzjoni Kattolika kienet titmexxa Raħal Ġdid minn Dun Karm Farrugia.

Kien intuża l-artal li llum jinsab taħt San Lawrenz. Kien kampjun fil-ġebel għall-altari tal-irħam u kif turi l-arma fuq, jidher li kien sar għall-Kunċizzjoni. Meta bdew ġejjin l-altari tal-irħam, Dun Adolf kien ħa d-deċiżjoni li jintuża bħala altar għal San Piju X.

## Dun Albin Micallef

Dun Albin Micallef kien minn Ħaż-Żebbuġ u sar qassis fil-21 ta' Diċembru 1907. Ħadem fil-parroċċa tagħna fis-snin tletin kemm mat-tfal, fis-servizz tal-qrar u l-assistenza tal-moribondi. Kien qassis fqir u qsajjar.

Fil-bidu kien jimxi ħafi minn Ħaż-Żebbuġ għar-Raħal Ġdid u kien jilbes iż-żarbun biss meta kien jasal ħdejn iċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Imbagħad, minħabba l-ħidma pastorali f'Raħal Ġdid kien kera dar fi Triq l-Arkata. Kien joqgħod fejn wara mar joqgħod Joseph Calleja, li kien ħadem ħafna fil-qasam tal-Emigrazzjoni Maltija lejn l-Amerka.

Fuq livell personali, Dun Albin kien jibża' mil-lejl u s-sajjetti u jbati biex jorqod. Anzi kif kien jgħid, il-lejl hu tax-xitan. Dan żgur għenu jkun wieħed mill-qassisin li kien jagħtu servizz lill-agunizzanti matul il-lejl. Kien serva wkoll bħala viċi-parroku tal-Kappillan Dun Manwel Vella.

Wara t-Tieni Gwerra, kompla fil-qasam ministerjali tiegħu tal-assistenza tal-morda u sar wieħed mill-qassisin li fil-passat kienu magħrufa bħala tal-Assistenza. Dawn kienu grupp ta' qassisin jgħixu flimkien fid-dar li hemm bieb ma' bieb mal-knisja ta' San Ġakbu, fi Triq Merkanti l-Belt, fejn illum hemm YTC, sewwasew fejn fil-passat kellu l-uffiċċju tan-Nutar Pullicino. Ix-xogħol tagħhom kien li jagħtu assistenza lill-moribondi fil-Belt Valletta speċjalment matul il-lejl. Kienu jaħdmu fi speċi ta' roster.

Waqt li Dun Ġorġ Mercieca kellu karattru sod u kien raġel pjuttost mbaċċaċ, ruxxan u daħqani, Dun Albin kien qsajjar u riservat. Dan kien aspett ta' persuntu li l-aktar li baqa' magħruf għalih. Normalment persuni qosra joħorġu b'karattru b'saħħtu u dominanti jew inkella jkunu suġġett ta' simpatija u xi makjetta wkoll.

Dan hu dak li ġralu Dun Albin. Baqa' magħruf fost l-anzjani għall-ħidma pastorali li għamel tul ħajtu iżda dejjem kienu jingħadu b'xi ċajta ħelwa dwaru. Fil-verità, il-praspar kienu jiġru warajh u xi wħud minnhom għadhom jingħadu b'sens ta' simpatija sal-lum.

Jingħad li meta kien mar għand l-arċisqof Pace biex jidħol is-seminarju, l-arċisqof ħaseb li kien ġie biex isir paġġ tant kemm kien qasir. Ommi niftakarha tgħid wieħed mil-limeriki li bħala tifla żgħira kienet tgħallmet f'Raħal Ġdid fis-snin tletin meta Dun Albin kien qed iwettaq ħidma pastorali, b'mod partikolari fost it-tfal. Dun Albin kien issa raġel li kważi wasal biex jagħlaq nofs seklu ta' ħajja. Kull meta kien jissemma' Lapsi, it-tfal, pront kienu jgħidu 'Dun Albin daqsi'. Tant kemm dawn il-limerikki saru popolari, li ntilef l-oriġini tagħhom. Fi kliem ieħor, it-tfal kienu jqisuh wieħed minnhom. Dun Albin kien spiċċa biex tfal ftit kabbarin kienu jkunu itwal minnu.

Tant kemm kien qasir, li meta leħaq Dun Manwel Vella mill-Ħamrun Kappillan, ittieħed ritratt. Il-fotografu biex inaqqas dan l-iżvantaġġ fiżiku, kien qiegħed lil Dun Manwel Vella bilqiegħda fin-nofs, lil Dun Albin ħdejh bil-wieqfa wisq probabli fuq xi banketta li nħbiet taħt is-suttana, waqt li n-naħa l-oħra qiegħed lis-sagristan Ġużeppi Tabone, iż-Żuż, li kien twil ħafna.

Iċ-ċajt u l-praspar għal Dun Albin ma waqqfux hawn. Mhux l-ewwel darba jew tnejn li



kien jagħmel kappa l-Kon-katidral tal-Belt biex jaqla' xi ħaġa żgħira. Il-kappa kienet tiġih kbira baħar. Jgħidu li darba waħda kien qed jagħmel kappa San Ġwann u mar jagħmel inkin quddiem l-arċisqof u ħareġ minn taħtha tant kemm kien qasir u l-kappa baqgħet wieqfa.

Darb'oħra, Dun Albin kera karrozzin mingħand Lonzu Mercieca, magħruf bħala ta' Qerrieda. F'din il-ħabta, numru ta' żwiemel tal-karozzini kienu jkunu batuti. Dan Lonzu kien dejjem b'xi żiemel batut. Waqt li kien sejjer bil-karozzin, iż-żiemel sfratta u qaleb il-karozzin b'Dun Albin fih. Dun Albin qatt aktar ma rikeb fil-karozzin ta' Lonzu. Bi tpattija, Lonzu ma baqax imur iqerr għand Dun Albin. Darba Dun Albin ra lil Lonzu u qallu 'ilek ma tiġi tqerr'. Pront, pront, Lonzu rrispondih: 'int m'għadekx tikrini!'

Biss Dun Albin, kellu sens qawwi ta' servizz. Kien żmien fejn il-quddies kien għadu filgħodu biss u min iqaddes ma seta' jieħu xejn, lanqas belgħa ilma, qabel ma jkun lesta l-quddiesa. B'hekk ħafna kienu jevitaw li jqaddsu l-quddies li jkun tard filgħodu. Meta fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann kien daħħlet il-quddiesa ta' nofsinhar, ħafna monsinjuri, minħabba li kienu xjuħ, kienu jevitawha għar-raġuni ta' saħħa ħalli ma jibqgħux għal ħin twil b'xejn. Mhux l-ewwel darba jew tnejn, Dun Albin kien iqaddes hu din il-quddiesa. Ħafna nies f'Raħal Ġdid kienu jammiraw dan is-sens ta' sagrifiċċju ta' dan it-twajjeb qassis.



*Ritratt meħud meta Dun Manwel Vella laħaq Kappillan ta' Raħal Ġdid. Fuq il-lemin tiegħu jidher il-Viċi, Dun Albin Micallef, u fuq ix-xellug is-Sagristan Ġużeppi Tabone, iż-Żuż. (Ħajr lit-tifel Karmenu Tabone)*

Kien anke jqaddes għand il-Karmelitani l-Belt il-quddiesa tal-10.30am. Ir-raġuni għala kien imur iqaddes hemm naħseb li kienet ġejja mid-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna tal-Karmnu għaliex f'dik il-ħabta kien hemm ħafna patrijiet fil-kunvent li setgħu faċilment iqaddsu din il-quddiesa. Inzerta li kien hemm patri xi ftit gerfuxi. Kien żmien fejn ir-regola kienet għadha stretta. Il-patrijiet u l-fratijiet kienu jkunu mistennija ġewwa sas-6.30pm. Wara s-Sotto-Pirjol kien jagħlaq il-bieb minn ġewwa tal-kunvent u ħadd aktar ma jkun jista' jidħol. Dan il-patri dam aktar mis-sitta u nofs u sab il-bieb magħluq. Ħabbat u fetaħlu s-Sotto-Pirjol. Kien ser jagħtih ħasla u jagħmillu xenata. Il-patri waqqfu mill-ewwel u qallu, *'Verament domt iżda kont Raħal Ġdid u kien hemm Dun Albin ħażin, qed imut u qgħadt nassistih. X'nagħmel nitlaq? 'Ma tarax,'* wieġbu s-Sotto-Pirjol. *'Anzi sewwa għamilt. X'kull waħda,"* kompla, *"kien għadu kif kien magħna dalgħodu"*. *"Ħeqq,"* wieġbu l-ieħor, *"affarijiet ta' din id-dinja dawn." "M'hemmx x'tagħmel,"* kompla s-Sotto-Pirjol, *"Issa ħa mmur ngħid lill-Pirjol ħa nagħtih din l-aħbar ħażina."* Meta sema' l-aħbar, il-Pirjol baqa' mnixxef u qal, *"Mela għada nsib lil xi ħadd ieħor biex iqaddes minfloku."* Fuq kollox, il-Pirjol ddeċieda li l-għada filgħodu, Dun Albin jingħata l-ġieħ kollu daqs li kieku miet Patri Karmelitan. It-twajjeb Pirjol rraġuna li kien ħaqqu jkun stmat daqs li kieku kien wieħed



mill-patrijiet minħabba s-servizz ta' quddies li kien jagħti fis-santwarju. B'hekk il-knisja tal-Karmnu l-Belt daqqet bil-kbir biex ħabbret il-mewt ta' Dun Albin.

Ġara li l-għada filgħodu, waqt li kien nieżel bil-pass bil-mod tiegħu Strada Teatro biex imur lejn il-Knisja tal-Karmnu, Dun Albin beda jisma' d-daqq kiebi tal-qniepen immexxi mit-tokki profondi tal-qanpiena l-kbira. Bejnu u bejn ruħu beda jistaqsi min miet. Beda jara lin-nies iħarsu lejh bi stagħġib. Ħadd ma sellimlu dakinhar kif is-soltu kienu jagħmlu meta jarawh. Ħadd ma feraħ bih. Minflok, il-ħarsa fuq wiċċ kull minn rah kienet dik li qed jaraw fantażma. Kien hemm min saħansitra radd is-salib. Tistgħu taħsbu kif baqa' Dun Albi x'ħin daħal fis-sagristija u sab patri liebes bil-pjaneta sewda lest biex joħroġ iqaddes minn floku u aktar tnixxef meta sar jaf għar-ruħ min kellha tkun dik il-quddiesa!

Anke jekk l-inkwiet kien jiġri warajh, Dun Albin baqa' qassis umli. Wara l-gwerra beda jinħass ir-riħ tal-bidla u ċerti ċerimonjali bdew jinqatgħu biex jagħmlu wisa' għall-progress. Fosthom kien hemm dik il-persuna li tkun qed tmut tingħata l-aħħar tqarbina permezz tal-vjatku solenni. Iż-żieda fit-traffiku u l-ħamba tan-nies naqqset il-parteċipazzjoni f'dawn il-funzjonijiet.

Ikun f'dan il-kuntest, li l-Arċisqof Gonzi kien ħareġ ordni li l-vjatku solenni kellhom jibqgħu joħorġu għall-qassisin. Dun Albin ma riedx vjatki solenni. Ried iħalli din id-dinja bħan-nies komuni. Kien qassis tal-poplu. B'hekk qabel ma ħareġ il-vjatku għalih kien mar għandu Mons. Alwiġ Psaila biex jikkonvinċih ħalli jġiblu l-vjatku solenni. Dun Albin aċċetta li jkun hemm vjatku iżda bla daqq u trombi. Kienet tkantat biss il-Litanija tal-Qaddisin u l-kant waqaf meta waslu qrib id-dar tiegħu biex jirrispettaw id-deċiżjoni li kien ħa. Amministralu l-aħħar sagramenti Dun Alwiġ. L-unuri u l-glorji kien tgħallem jistmerrhom.



*Dettall: Giovanni Tabone, it-tifel taż-Żuż*



*Dettall: Dun Ġużepp Caruana, tifel tal-Azzjoni Kattolika*



*Dettall: Karmenu Tabone, it-tifel taż-Żuż li tana xi wħud mir-ritratti*



*Dettall: Is-Seminarista Bartolo li miet fil-gwerra*